MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 520/2011

**The House Shop Limited**
**Vs**
**Sabrina Mulligan**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas fl-ammont ta' tmien mija u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€820.83), bilanc ta' somma akbar, prezz ta' diversi merci mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta, liema merci u liema somma akbar jirrizultaw mill-annessa fattura li tinsab immarkata bhala Dokument 'A'; bl-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mill-20 ta' Mejju, 2008, cioe' mid-data tal-fattura precitata (Dokument 'A') sal-hlas effettiv, kif ukoll bl-ispejjez gudizzjarji, kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tat- 18 t'Ottubru, 2011, fejn ikkonceda lill-konvenuta sabiex tipprezenta risposta fi zmien hames (5) t'ijiem;

Ra r-rikors konguntiv tal-partijiet ta’ nhar l-24 t’ Ottubru, 2011 fejn talbu li t-terminu tal-prezentata tal-konvenuta jigi estiz sat-30 ta’ Novembru, 2011, liema talba giet michuda,

Ra t-talba tas-Socjeta’ attrici maghmula fis-seduta tal- 5 ta’ Marzu, 2012 sabiex jigi pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni;

Ra d-digriet tat-13 ta’ Marzu, 2012 fejn giet milqugha t-talba biex jigi pprezentat kapitlu ghas-subizzjoni;

Ra li gie pprezentat kapitolu fl-14 ta’ Marzu, 2012 mill-Avukat Jonathan DeMaria w l-fatt li rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tmien mija u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€820.83) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------